# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Marzu, 2017

**Kawza Nru. 37**

**Rik. Nru. 623/12JRM**

Violet **GALEA**

vs

**DIRETTUR RESPONSABBLI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Ġunju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (i) ssib li d-Dipartiment intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-23 ta' Ġunju, 2010 waqt il-ħin tax-xogħol, f'liema inċident ir-rikorrenti Violet Galea sofriet delibilita` permanenti; (ii) tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-imsemmi inċident, jekk

meħtieġ, billi taħtar perit għal dan il-għan; (iii) tikkundanna lid-Dipartiment intimat iħallas lir-rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħiħ kull jedd tagħha għal azzjonijiet oħrajn skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Lulju, 2012[1], li bih ordnat in-notifika tad-Direttur responsabbli u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-3 ta' Ottubru, 2012, li biha d-Direttur imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħad ir-responsabbilta` għall-inċident u għaldaqstant għall-ħlas tad-danni mitluba;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Ottubru, 2012[2], li bih ħatret lill-kirurgu Massimo Abela bħala espert mediku biex jeżamina lill-attriċi u jgħid jekk ġarrbitx tassew ġrieħi u ħsara li ma jgħaddux;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fit-18 ta' Ottubru 2012[3], bil-lista tax-xhieda u b'dokumenti mehmużin magħha;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku fis-7 ta' Novembru, 2012[4] fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-10 ta' April, 2013;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fis-26 ta' Novembru, 2012[5], bix-xhieda tagħha f'affidavit mehmuż magħha[6], u n-Nota l-oħra tal-1 ta' Marzu, 2013, bix-xhieda b'affidavit ta' George Camilleri mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Mejju, 2013[7] li bih u fuq talba magħmula mill-attriċi waqt dak is-smigħ, ħatret lill-kirurgi Charles Grixti, Ivan Esposito u Frederick Zammit Maempel bħala esperti mediċi addizzjonali;

Rat ir-Rapport imressaq mill-periti mediċi addizzjonali fis-27 ta' Novembru, 2013[8] u minnhom maħluf fit-30 ta' Jannar, 2014 u fil-5 ta' Frar, 2014 rispettivament;

[1] Paġ 10 tal-proċess
[2] Paġġ 16 sa 18 tal-proċess
[3] Paġġ 22 sa 58 tal-proċess
[4] Paġġ 82 tal-proċess
[5] Paġġ 64 sa 76 tal-proċess
[6] Paġġ 78-9 tal-proċess
[7] Paġġ 101 tal-proċess
[8] Paġġ 120-4 tal-proċess

Rat is-surroga tas-17 ta' Jannar, 2014[9], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Semgħet ix-xhieda tal-periti mediċi addizzjonali b'eskussjoni mill-partijiet[10];

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2014[11] li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' u tiġbor il-provi li kien fadlilhom iressqu l-partijiet;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju fid-29 ta' Mejju, 2015[12] li fih il-partijiet iddikjaraw li ma kienx fadlilhom provi x'iressqu u qablu dwar żmien għat-tressiq ta' sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fil-15 ta' Ottubru, 2015[13];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur imħarrek fl-14 ta' Jannar, 2016[14], bi tweġiba għal dik tal-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2016 li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni mġarrba minn ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. L-attriċi qiegħda tfittex lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bħala l-prinċipal tagħha għad-danni li tgħid li ġarrbet fuq il-post tax-xogħol fl-istess Dipartiment meta waqgħet f'taraġ;

[9] Paġġ 106 tal-proċess
[10] Paġġ 137 sa 143 tal-proċess
[11] Paġġ 155 tal-proċess
[12] Paġ 230 tal-proċess
[13] Paġġ 232 tal-proċess
[14] Paġġ 241 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-Direttur") laqa' billi ċaħad li huwa b'xi mod jaħti għal dak li l-attriċi tgħid li ġaralha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi twieldet f'Mejju tal-1960[15]. Hija uffiċjal pubbliku u taħdem bħala prinċipal fid-Dipartiment immexxi mid-Direttur li jinsab fi Triq l-Arċisqof, Valletta;

Illi fit-23 ta' Ġunju, 2010, hija tgħid li hi u nieżla t-taraġ li jgħaqqad sular ma' ieħor tal-bini fejn taħdem, żelqet u tgerrbet xi sitt tarġiet tal-indana. Laqgħet b'idejha ma' ħajt li jiġi faċċata l-indana, ġiet fuq idha l-leminija u kisret il-polz ta' dik l-id. Hija tgħid li żelqet minħabba li t-taraġ tal-irħam kien imxarrab u ma kienx hemm poġġaman[16] ma' xiex wieħed seta' jżomm[17]. Fiż-żmien li kienet miexja din il-kawża, twaħħal poġġaman mal-medda kollha tat-taraġ[18];

Illi hija ttieħdet lejn l-Isptar dak il-ħin stess minn xufier tal-post tax-xogħol tagħha, minħabba l-uġigħ li kellha u nstab li kellha ksur fil-polz lemini. Għamlulha idha fil-ġibs u talbuha tmur l-Isptar wara li jgħaddi ftit taż-żmien biex wieħed jara jekk ikunx meħtieġ intervent ieħor;

Illi fil-11 ta' Lulju, 2010, għamlulha operazzjoni fl-Isptar *Mater Dei*[19] li matulha poġġewlha *plate* tal-metall mal-polz. Il-ġibs tneħħielha xahar wara. Fuq ordni tat-tabib, ma daħlitx għax-xogħol sas-16 ta' Awwissu ta' dik is-sena[20];

Illi fl-1 ta' Lulju tal-2011, reġgħet għamlet operazzjoni biex titneħħielha l-*plate* li kienet tqiegħdet fl-ewwel operazzjoni[21]. F'Ottubru tal-2011, reġgħet daħlet l-Isptar minħabba li baqgħet tħoss uġigħ f'daharha u b'riġilha x-xellugi mtarrax u tnemnim fil-pexxul, u sarilha *scan* li minnu rriżultat xi ħsara f'xi rkiekel ta' daharha[22]. Hija baqgħet tattendi kors ta' terapija fl-Isptar sa Novembru tal-2011[23] u għadha tilbes bħal qafas ("*foot drop*") ma' riġilha x-xellugi[24] għal xi sigħat kuljum[25];

Illi fit-12 ta' Diċembru, 2011, l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali biex titlob lid-Direttur (u wkoll lill-Prim'Ministru, il-Ministru tal-Intern u lis-Segretarju

[15] Dok "VG3", f'paġ. 25 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Junelle Galea f'paġ. 219 tal-proċess
[17] Dokti "VG21" u "VG22", f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess
[18] Ara Dokti "E", "F" u "Ġ", f'paġġ. 95 – 7 tal-proċess
[19] Dok "VG7", f'paġ. 30 tal-proċess
[20] Affidavit tagħha f'paġ. 66 tal-proċess
[21] Dok "VG9", f'paġ. 38 tal-proċess
[22] Dok "VG10", f'paġ. 39 tal-proċess
[23] Dok "VG24", f'paġ. 54 tal-proċess
[24] Dokti "Ħ" u "I" f'paġ 193 tal-proċess.
[25] Xhieda tal-attriċi fil-kontro-eżami f'paġ. 210 tal-proċess

Permanenti tad-Dipartiment) biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li hija ġarrbet minħabba l-waqgħa;

Illi, minħabba li bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tal-10 ta' Jannar, 2012[26], dawn ċaħdu kull responsabbilta' għal dak li xliethom bih l-attriċi, fid-19 ta' Ġunju, 2012, infetħet din il-kawża[27];

Illi l-Qorti tibda bil-konsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-każ billi tgħid li bħala prinċipju "*f'azzjoni bħal din l-attur jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilita` ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u l-event dannuż emerġenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti għalhekk jeħtiġilha teżamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruħu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konkludentement il-ġustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut nomine*."[28];

Illi biex twettaq l-istħarriġ tagħha fid-dawl tal-elementi li għadhom kemm issemmew, il-Qorti sejra tibda biex tara jekk l-attriċi seħħilhiex tipprova li tabilħaqq seħħ l-inċident li tgħid li ġara.  Dan jingħad l-aktar minħabba li d-Direttur iressaq l-argument li seta' ma kien minnu xejn li l-attriċi tassew kellha inċident fuq il-post tax-xogħol u jibqa' jisħaq fuq dan l-argument sat-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża min-naħa tiegħu;

Illi hija ċirkostanza fattwali li meta u fil-ħin li l-attriċi tgħid li waqgħet it-taraġ, kienet waħedha.  M'hemm l-ebda xhud okulari tal-inċident.  Id-Direttur għalhekk isostni li m'hemm l-ebda prova li fil-fatt l-attriċi waqgħet fit-taraġ in kwistjoni.  Min-naħa tagħha, l-attriċi ressqet xhud wieħed li tgħid li tiftakar li semgħet ħoss imma lill-attriċi ma rathiex titgerbeb l-indana[29];

Illi fir-rit proċedurali tagħna, kull forma ta' evidenza hija ammissibbli, kemm dik "diretta" kif ukoll dik ċirkostanzjali, u huwa xogħol il-Qorti tagħtihom il-piż li jkun jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkollha quddiemha.  Ingħad iktar minn mitt sena ilu minn awtur Ingliż prominenti li: "*Direct and Circumstantial Evidence. -  A distinction is also commonly taken between direct evidence, by which is meant the testimony of witnesses to a given fact; and circumstantial or presumptive evidence, by which is meant the testimony of witnesses to other facts, from which the fact in question may be inferred.  The two forms are equally admissible, and the testimony,  whether to the factum*

[26] Dok "VG2", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[27] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 242 – 4 tal-proċess
[28] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Busuttil  vs  Sammy Meilaq noe.***
[29] Xhieda ta' Junelle Galea f'paġ. 216 tal-proċess

*probandum or the facta probantia, is equally direct; but the advantage of the former is, that it contains only one source of error, fallibility of testimony, while the latter has, in addition, fallibility of inference. Little is to be gained from a comparison of their cogency, since both forms admit of every degree of probability, from the lowest to the highest (Hunter, Roman Law, 891, 892; Amos, Science of Jurisprudence 333; Tay. Ss.65-69; Best, ss. 293-295' Steph. Introd. To the Indian Evidence Act; and General View of the Criminal Law; Whart. s. 8.*"[30];

Illi fil-każ tal-lum, fil-fehma tal-Qorti, hemm provi ċirkostanzjali konvinċenti biżżejjed biex fuq bażi ta' probabilita` jikkorroboraw l-allegazzjoni tal-attriċi. L-attriċi xehdet li kienet nieżla t-taraġ mit-tielet sular fejn telgħet tkellem lil wieħed minn sħabha fuq ix-xogħol[31]. Fid-data u l-ħin li fih seħħ l-inċident, Junelle Galea, li kienet taħdem fl-istess post tax-xogħol, f'uffiċċju ftit metri 'l bogħod mill-kaxxa tat-taraġ fejn seħħ l-inċident, u li kien fih erba' impjegati jaħdmu mrekknin ma' xulxin u fejn kien ikun hemm ċertu ammont ta' ħsejjes, xorta waħda semgħet "*a tamping (recte: "thumping") sound*"[32]. Tabilħaqq, hija ma ħarġitx mill-uffiċċju biex tara x'ġara iżda spjegat li "*meta tkun f'uffiċċju iktar minn persuna waħda jkollok ħafna nies fuqek u ma tantx tista' taqbad u titlaq mill-office kif trid, dak iż-żmien partikolarment ma tantx stajt niċċaqlaq, allura ppreferejt li nibqa' fejn jien fuq id-desk tiegħi u nkompli b'xogħli. Imma l-ħoss smajtu*"[33];

Illi huwa minnu li l-attriċi ma qaltilhiex dak il-ħin x'kien ġralha, u nfurmatha xi jiem wara meta rawha sħabha b'idha fil-ġibs. Huwa minnu wkoll illi għalkemm minnufih wara l-inċident l-attriċi qalet li kellmet lill-kollega tagħha Marica Axiaq u lill-Assistent Direttur Silvio Frendo[34], u li dan tal-aħħar ipprovdielha l-karozza u x-xufier tad-Dipartiment sabiex jeħodha l-Isptar, lil dawn ma pproduċiethomx bħala xhieda, għalkemm kienu jkunu xhieda li jikkorroboraw ħafna aħjar l-allegazzjoni tagħha[35]. B'danakollu, hemm l-evidenza tar-*records* tal-Isptar li l-attriċi rreġistrat fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar *Mater Dei* fit-23 ta' Ġunju fl-10.30 ta' filgħodu. Ċertament dak il-ħin kien ħin tax-xogħol. Għalhekk il-preżunzjoni hi li l-attriċi dak inhar kienet xogħol;

Illi d-Direttur ma ressaqx provi li juru l-kuntrarju, bħal ngħidu aħna prova li kienet bil-frank, inkella li ngħatat permess biex toħroġ għal xi ħin u li

---

[30] Sidney L. Phipson, 1892, *The Law of Evidence* volume 1, page 2 (għal xi raġuni t-18-il edizzjoni ta' "*Phipson on Evidence*" ippubblikata fit-2013 ma ġġibx din is-silta daqshekk ċara tal-awtur oriġinali.)
[31] Affidavit tal-attriċi f'paġ. 65 tal-proċess
[32] Paġ. 216 tal-proċess
[33] *Ibid.*
[34] Paġ. 65 tal-proċess
[35] Dwar dan l-imħarrek jikkommenta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu wkoll f'paġ. 243 tal-proċess

dak il-ħin li tgħid li korriet setgħet kienet barra mill-uffiċċju. Skond l-attriċi, hija u nieżla t-taraġ, żelqet, waqgħet ħames jew sitt tarġiet u laqgħet b'idha l-leminija mal-ħajt tal-faċċata tal-pjan tat-taraġ. It-tobba li eżaminaw lill-attriċi ikkonfermaw unanimament li l-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi kienu jaqblu mal-verżjoni tagħha dwar kif seħħ l-inċident, għalkemm ma jistgħux jeskludu li l-inċident seħħ b'xi mod ieħor jew f'xi post ieħor. Il-kirurgu Carmel Sciberras, li tqabbad mill-attriċi *ex parte*, xehed li "l-istorja (tagħha) hija kompatibbli ma' dak tal-injury"; it-tlett periti maħturin mill-Qorti stqarru li "ma kien hemm ebda indikazzjoni li ġiegħlitna naħsbu jew niddubitaw li l-polz weġġgħetu f'inċident ieħor";

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib li għandha toqgħod mal-verżjoni mressqa mill-attriċi li tabilħaqq waqgħet fit-taraġ tal-post tax-xogħol tagħha. Il-Qorti mhix sejra toqgħod fuq it-teżi tad-Direttur f'dan ir-rigward, għaliex ukoll dik il-linja ta' difiża ma hix imsaħħa mill-provi mressqa;

Illi għal dak li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-inċident jibda biex jingħad li l-attriċi xehdet li t-taraġ[36] jiżloq għax tal-irħam, u dak il-ħin aktarx kien jiżloq iktar għax kien għadu mxarrab billi kien għadu kif inħasel u ma kellu l-ebda *anti-slip strips*. Minbarra dan, tgħid li ma tpoġġew l-ebda sinjali ta' twissija li t-taraġ kien jiżloq. Fil-fatt qatt ma rat sinjali bħal dawn kemm damet taħdem hemm. Xehdet ukoll li t-taraġ ma kellux poġġaman, u li iktar minn sentejn wara l-inċident kien twaħħal poġġaman. Fil-bidu tat-taraġ kien hemm *switch* tad-dawl li hija setgħet xegħlet kieku riedet. Xehdet ukoll (u tressqet prova dokumentali biex issaħħaħ dan[37]) li dak iż-żmien id-Dipartiment kien iħeġġeġ l-użu tat-taraġ min-naħa tal-impjegati minflok tal-*lift*;

Illi dawn il-fatti ma ġewx kontradetti mid-Direttur. Li t-taraġ kien perikoluż ikkonfermatu wkoll Junelle Galea li stqarret li "*fil-fatt kont nibża' nużah dak it-taraġ jien. Imma l-lift kont nibża' nużah ukoll*"[38]. Fil-ħin tal-inċident, l-attriċi kienet liebsa żarbun b'takkuna *stiletto*; xehdet li hija dejjem tilbes dan it-tip ta' żarbun[39]. Kienet midħla mat-taraġ billi meta seħħ l-inċident kienet ilha taħdem hemm sena;

Illi għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ta' min jagħti x-xogħol dwar is-sigurta' tal-post għall-impjegati tiegħu u għal min jidħol fih, jibda biex jingħad li hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull

[36] Ara d-dokti f'paġġ 51,52 u 91 – 4 tal-proċess, kif ukoll it-taraġ bil-poġġaman a f'paġġ 95 – 7 tal-proċess
[37] Ara Dok "VG29", f'paġ. 71 tal-proċess
[38] Xhieda tagħha f'paġ. 219 tal-proċess
[39] Dok "VG31" f'paġġ. 73 – 6 tal-proċess

periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[40] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[41];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[42]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[43];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[44], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[45] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[46]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[47];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*")[48]. Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[49], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun

[40] Art. 6(2) tal-Kap 424
[41] Art. 6(3) tal-Kap 424
[42] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[43] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[44] Art. 7(1) tal-Kap 424
[45] Art. 7(2) tal-Kap 424
[46] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[47] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[48] App. Ċiv. **29.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Buħaġiar et vs Segretarju tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta et***
[49] Art. 1032(1) tal-Kap 16

traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[50];

Illi huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għemil jew nuqqas tiegħu[51], is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan kollu jixraq jingħad li jeżisti rapport kuntrattwali bejn min iħaddem u min jaħdem li jimponi b'obbligu fuq min iħaddem illi jadotta għall-ħarsien ta' l-impjegati tiegħu mhux biss dawk il-miżuri speċifici tassattivament imposti mil-liġi u mir-regolamenti in relazzjoni għall-attivita' eżerċitata, imma wkoll b' mod ġenerali dawk il-miżuri dettati mill-prudenza komuni u mill-esperjenza li jkunu hekk meħtieġa għall-ħarsien tal-ħaddiem. Hekk fil-korp tal-liġijiet tagħna nsibu għarfien ta' dan l-obbligu normattiv tat-tutela taht l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424), u b' mod partikolari fl-artikolu 6 tiegħu, konsistenti f' dawk il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol;

Illi dik il-liġi hija estendibbli bħala parti mill-pakkett tal-kondizzjonijiet ta' impjieg bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452). F'dan ma hemm xejn ġdid li ma kienx jingħad u jifforma parti mill-Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945 kif minn żmien għal żmien emendati. Teżisti wkoll ġurisprudenza kopjuza li titratta dwar l-estensjoni ta' l-attivita' ta' prevenzjoni li tagħha hu obbligat min iħaddem u tal-miżuri li dan mistenni jadotta biex jiġu skansati sitwazzjonijiet ta' ħsara għall-ħaddiem. Minn dan li ngħad hi allura ipotizzabbli qagħda fejn il-fatt jivvjola drittijiet li jitnisslu minn rabta ġuridika kontrattwali, daqs kemm ukoll ksur tad-drittijiet tal-persuna in bażi għall-preċett ġenerali tan-*' neminem laedere".* Tali ksur jagħti lok għall-konkors flimkien ta' l-azzjoni extra-kontrattwali tar-responsabilita' kif maħsub fl-artikoli

[50] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[51] Art. 1031 tal-Kap 16

1031 u 1032 (1) Kodiċi Ċivili, u dik kontrattwali msejsa fuq il-ksur ta' l-obbligi mitluba mil-liġijiet fuq min iħaddem għall-iskansar tad-dannu fuq il-persuna tal-ħaddiem[52];

Illi fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ jirriżulta li d-Direttur naqas mill-obbligi tiegħu mhux biss bħala *employer* imma wkoll bħala okkupant tal-post in kwistjoni milli jipprovdi post ħieles mill-perikli għal min jużah, impjegati u terzi. M'hemmx għalfejn wieħed ikun xi espert tas-sigurta` biex jinduna li taraġ jiżloq tal-irħam mingħajr poġġaman huwa perikoluż, inkella li għandu jwissi b'mod xieraq lil min jiġi biex jużah meta dan ikun imxarrab;

Illi għalhekk il-Qorti sejra ssib li d-Direttur irid iġorr responsabbilta' għal dak li għaddiet minnu l-attriċi;

Illi l-istess Direttur iqajjem l-argument li għal dak li ġaralha l-attriċi taħti hi stess. Din hija d-difiża tal-kontributorjeta' għal dak li jkun seħħ;

Illi l-obbligu tal-ħarsien ta' min iħaddem ma jestendix sal-punt li jipprovdi kontra negliġenza grassa tal-impjegat, għaliex il-ħaddiem huwa wkoll mistenni li joqgħod attent u jkun konxju mill-perikli fuq il-post tax-xogħol u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskju tal-ħsara[53];

Illi l-Qorti għalhekk trid tqis ukoll jekk l-attriċi ikkontribwietx biex iseħħ l-inċident, għaliex skond l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili: "*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*";

Illi l-liġi hawnhekk titkellem dwar negliġenza li l-effett tagħha hu li tnaqqas ir-responsabbilta' tad-danneġġjant u mhux li teskludiha għal kollox. Jinsab imfisser li "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*"[54];

---

[52] P.A. PS **6.12.2006** fil-kawża fl-ismijiet **Carmena Fenech et vs Iċ-Chairman tal-Malta Drydocks noe** (*in parte)*

[53] Kumm **5.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciriha vs O'Flaherty***; u P.A. **29.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Psaila vs Pisiculture Marine de Malte Limited*** (mhix appellata)

[54] ***Froom vs Butcher*** CA QB 286**(1976)** *per Denning LJ*

Illi n-negliġenza kontributorja "*ma tistax tiġi deċiża fuq supposti prinċipji aprijoristiċi, jew regoli fissi, iżda skond prinċipji tas-sens komun, għad li, bla dubju, meta tista' tinġibed linja ċara ta' demarkazzjoni, in-negliġenza posterjuri hi l-unika wahda li għandha tiġi konsiderata*"[55];

Illi fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[56]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[57], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[58]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[59]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[60]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet

---

[55] Ara Maġ. (Għ) AE **2.11.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Merċieca vs Tony Xerri*** (mhix appellata)
[56] Art. 1051 tal-Kap 16
[57] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[58] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[59] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[60] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***

aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[61]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għemil tal-parti l-oħra[62]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[63];

Illi, fid-dawl tal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi ikkontribwiet ukoll għall-inċident li kienet imdaħħla fih. Dan joħroġ minn ċirkostanzi pruvati u, sa ċertu punt, mistqarra mill-attriċi nnifisha. Fl-ewwel lok, l-attriċi kienet taf bil-perikolu li tinżel taraġ b'żarbun bit-takkuna għolja, u iktar u iktar dak it-taraġ partikolari li hija kienet midħla tiegħu, u li kienet taf li jiżloq u li ma kellux poġġaman. Fit-tieni lok, hija naqset ukoll milli tixgħel id-dawl. Mhix skuża li ma kienx mixgħul jew li suppost kienet ir-responsabbilta' tal-prinċipal tagħha li t-taraġ jinżamm mixgħul il-ħin kollu. Ma hemm l-ebda dubju li, għalkemm l-inċident seħħ matul l-għodwa (u fis-sajf), in-nuqqas ta' dawl fil-kaxxa tat-taraġ ikkontribwixxa wkoll biex hi ma ntebħitx li t-taraġ kien imxarrab. Fit-tielet lok, mhix raġuni tajba li titressaq l-iskuża li l-impjegati kienu mħeġġa (u mhux imġegħlin) jużaw it-taraġ minflok il-*lift* għal raġunijiet ta' saħħa;

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabilita` għandha tintrefa' nofs bin-nofs bejn il-partijiet;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>likwidazzjoni tad-dannu mġarrab</u> mill-attriċi dan il-każ jirrigwarda ċirkostanza partikolari. L-attriċi tgħid li, b'riżultat tal-waqgħa tagħha, hija weġġgħet idha u ħadet ukoll skoss qawwi f'daharha. Kemm hu hekk, hija tgħid li minbarra l-uġigħ fil-parti ta' isfel tad-dahar, hija għandha tnemnim fis-sieq ix-xellugija li kulma jmur tittarrax. Hija tgħid li jkollha tilbes ukoll żraben speċjali li fihom bħal irfid tal-metall biex jgħin lis-sieq;

Illi madankollu, il-periti mqabbdin mill-Qorti qablu fil-kostatazzjoni tagħhom li fl-inċident, hija ġarrbet korriment li ma jgħaddix f'idha, imma ma rawx li kien hemm rabta bejn l-uġigħ f'daharha u l-kundizzjoni ta' sieqha. Qablu wkoll li d-debilita' li għadha ġġorr minħabba l-inċident hija

---

[61] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[62] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[63] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)

tat-tmienja fil-mija (8%). Il-periti baqgħu jtennu din il-fehma tagħhom ukoll wara li ttellgħu b'xhud mill-attriċi fl-eskussjoni. Min-naħa l-oħra, il-konsulent li l-attriċi kellmet *ex parte* (raha wkoll żmien wara l-inċident, f'April tal-2012[64]) deherlu li kellu jqis li b'effett tal-waqgħa l-attriċi ġarrbet kemm debilita' f'idha u kif ukoll f'daharha u qies li dik id-debilita' kienet titla' għal għoxrin fil-mija (20%);

Illi mill-provi mressqa ħareġ li t-tabib Xuereb Curmi, li huwa *general practicioner* u ra lill-attriċi waqt xogħlu fil-poliklinika taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Għawdex, xehed li s-sors tad-debilita` fid-dahar setgħet ġiet jew minn trawma inkella minn "xi ħaġa ħażina anatomikament fid-dahar".[65] Min-naħa tiegħu, la l-perit mediku l-kirurgu Massimo Abela, l-ewwel espert imqabbad mill-Qorti, u lanqas il-periti perizjuri[66] ma sabu rabta ta' kawża u effett bejn id-difett fid-dar tal-attriċi u l-inċident. Il-kirurgu Abela huwa tal-fehma li l-fatt li l-attriċi marret l-emerġenza bl-uġigħ mid-dahar (xjatika) f'Settembru tal-2011, iġifieri sena u tliet xhur wara l-inċident, ifisser li bi probabilita` kbira li dak li sabilha f'daharha ma kienx kawża tal-inċident. Il-periti perizjuri, ilkoll kirurgi, kienu tal-istess fehma fir-rapport tagħhom. Meta tressqu fl-eskussjoni, qalu li raw il-*files* mediċi kollha tal-attriċi u eżaminawha personalment;

Illi n-noti tal-*Casualty Department* fid-data meta seħħ l-inċident ma jsemmux sintomi fid-dahar u lanqas huma msemmija fin-noti tal-*Outpatients* bejn Lulju tal-2010 u Awwissu tal-2011, jiġifieri meta tneħħew il-viti mill-polz tal-lemin tal-attriċi. Fin-noti tal-kirurgu Joe Borg (li jġibu d-data tat-3 ta' Novembru tal-2011 u li kien eżamina lill-attriċi dwar l-ilment ta' daharha) m'hemmx riferenza għall-inċident tat-23 ta' Ġunju, 2010. Fil-fehma ta' dawn l-esperti, hemm biss possibilita` żgħira li l-uġigħ fid-dahar ġie kkawżat mill-inċident. L-attriċi ppreżentat ċertifikat tal-istess kirurgu Borg[67], li jistqarr li l-attriċi bdiet tħoss l-uġiegħ f'daharha wara l-waqa'. Ma jistqarrx li l-uġiegħ kien konsegwenza tal-waqgħa u r-rapport tiegħu mhux maħluf;

Illi l-liġi tgħid li l-Qorti mhix marbuta li toqgħod għall-konklużjonijiet jew il-fehmiet tal-periti maħturin minnha kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha[68]. Madankollu, minħabba li l-fehma ta' periti bħal dawn issarraf f'aktar minn sempliċi argument u, bosta drabi, tikkostitwixxi prova ta' fatt, ma jkunx għaqli li l-Qorti twarrab fehma bħal dik b'ħeffa jew bla ma jingħatawlha raġunijiet serji li jwassluha biex tgħid mod ieħor. Dan jgħodd aktar u

[64] Ara Dok "VG31", f'paġġ. 73 – 6 tal-proċess
[65] Xhieda tiegħu f'paġ. 163 tal-proċess
[66] Konklużjoni tar-rapport tagħhom f'paġ. 124 tal-proċess
[67] Dok "JB" f'paġ. 198 tal-proċess
[68] Art. 681 tal-Kap 12

aktar fejn il-fehma tal-espert tirrigwarda materja teknika jew speċjalizzata bħalma hawn fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha. Il-Qorti tqis li l-esperti mqabbdin minnha (fuq żewġ livelli) qablu konsistentement mal-fehmiet ta' xulxin u baqgħu jsostnu dan ukoll meta ttellgħu b'xhud tal-partijiet. Hemm ukoll elementi probatorji dokumentati li juru li l-ilment dwar l-uġigħ fid-dahar u t-telqa tas-sieq ma ssemmewx mill-attriċi sa żmien sew wara l-inċident u dan jidher li jistona xi ftit meta, f'kull ċirkostanza oħra, l-attriċi wriet konsistenza u preċiżjoni ta' dettal;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, għalhekk, m'hemm l-ebda raġuni l-għala din il-Qorti għandha titbiegħed mill-konklużjonijiet tal-istess periti maħturin minnha u li, minflok, taċċetta l-kostatazzjonijiet tal-perit *ex parte*. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis id-debilita' li għadha ġġorr l-attriċi fil-grad tat-tmienja fil-mija (8%);

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attriċi. Fil-każ tal-lum, jidher li l-pretensjoni tal-attriċi dwar id-danni hija waħda kemm dwar nefqa mġarrba (*damnum emergens*) u kif ukoll għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi dwar it-telf jew ħsara mġarrba, l-attriċi tistrieħ fuq prova dokumentali ta' nefqa li hija kellha b'rabta mal-eżami u l-ħruġ tar-rapport tal-kirurgu li hija kellmet *ex parte*[69]. L-istess kirurgu ħalef illi kien talab u rċieva mingħand l-attriċi dak il-ħlas[70]. Mill-bqija, ma hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tad-Direttur dwar din il-pretensjoni (naturalment, huwa jgħid li ma għandu jħallas l-ebda danni) u lanqas ma hemm pretensjonijiet oħrajn min-naħa tal-attriċi ta' danni oħrajn taħt din il-kategorija;

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tillikwida l-ħsara attwali fis-somma ta' mitejn euro (€ 200);

Illi f'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, tali kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attriċi setgħet batiet diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum u wkoll dak li se' jkollha tbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li hija ġarrbet fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "*inkapaċita' għal dejjem*" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit*

[69] Dok "VG1", f'paġ. 5 tal-proċess
[70] Xhieda tiegħu f'paġ. 181 tal-proċess

*minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*"[71];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[72];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali*" u "*telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem*". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[73]. Din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dakinhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dakinhar li titressaq il-kawża[74]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[75]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett

[71] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[72] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[73] Kemp (Ed.) Damages for Personal Injury and Death (3[rd]. Edit), §§ 3.02 – 3.03, f'paġ. 64
[74] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[75] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)

tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[76]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddma li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attriċi irid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi kieku ma ndarbitx. Id-dħul disponibbli tagħha kien ikun dak id-dħul li jifdlilha wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta' soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[77];

Illi l-paga tal-attriċi fid-data tal-inċident kienet €16,372 fis-sena[78]. Kellha 50 sena u l-eta` pensjonabbli tagħha hija ta' 62 sena. Fiċ-ċirkostanzi, u b'qies mal-kriterji li ġeneralment jitħaddmu dwar il-kalkolu tal-*multiplier*, ukoll jekk ma jintrabatx tabilfors u dejjem mal-kejl tal-ħajja lavorattiva, il-Qorti sejra tqis kalkolu ta' tnax-il (12) sena[79];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*"), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[80]. Illi l-Qorti jidhrilha illi ma kienx hemm telf ta' żmien min-naħa tal-attriċi biex mexxiet il-każ tagħha hekk kif intemmu l-interventi mediċi li qagħdet għalihom. Huwa minnu li d-Direttur jirrimarka[81] li l-attriċi fetħet il-kawża erbat ijiem biss qabel l-azzjoni kienet taqa' bil-preskrizzjoni: iżda l-fatt hu li hija mexxiet b'mod għaqli u mħaffef il-każ tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis;

Illi, għalhekk il-Qorti qiegħda tillikwida d-dannu mġarrab mill-attriċi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni fis-somma ta' sebat elef tmien mija u disgħa u ħamsin euro (€ 7,859)[82], peress li hija tqieset li taħti wkoll għall-inċident li seħħ;

Illi għalhekk, id-danni kollha likwidati kemm bħala telf imġarrab u kif ukoll bħala telf ta' qligħ jitilgħu għal tmint elef u disgħa u ħamsin euro (€ 8,059)[83];

---

[76] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)
[77] Kemp *op. cit.* §§ 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[78] Dok "VG6", f'paġ. 29 tal-proċess
[79] P.A. LFS **18.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Emeline Cini vs Antoine Cachia***
[80] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[81] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 241 tal-proċess
[82] € 16,372 x 12 x 0.08 = €15,717 /2 = € 7,859
[83] € 7,859 + € 200

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament, billi ssib li għall-inċident li seħħ fit-23 ta' Ġunju, 2010, li fih l-attriċi waqgħet it-taraġ tal-post fejn kienet taħdem, kien jaħti kemm id-Direttur imħarrek u kif ukoll l-istess attriċi, u dan fi grad indaqs;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi fis-somma ta' tmint elef u disgħa u ħamsin euro (€ 8,059);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lid-Direttur imħarrek iħallas lill-attriċi s-somma ta' tmint elef u disgħa u ħamsin euro (€ 8,059) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2017**